Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,608 24 ta' Marzu, 2026

Taqsima B

A.L. 69 tal-2026

EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2026 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2026 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. - u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 164 tal-2024, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew fl-1 ta' April 2026 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Bord jista' jikkunsidra wkoll applikazzjonijiet minn applikanti li għandhom grad ta' Master bi klassifikazzjoni ta' Għadda fl-istess qasam ta' studju jew f'qasam relatat, jew kwalifiki fil-livell ta' Master jew ogħla fi kwalunkwe dixxiplina oħra jekk ikollhom ukoll esperjenza jew tagħrif li, fl-opinjoni tal-Bord jgħinuhom biex isegwu l-istudji tad-dottorat b'suċċess."